

**SAN ĠWANNI XXIII**
**1958 1963**
**Dwar ir-Rużarju Mqaddes:**

**Ir-Rużarju huwa l-glorja tal-Knisja Rumana…postu hu wara l-Quddiesa u s-Sagramenti.**

**Ir-Rużarju huwa talba manifika u univessali għall-bżonnijiet tal-Knisja, tan-nazzjonijet u tad-dinja kollha kemm hi.**

**Il-ġurnata tiegħi trid tkun talba waħda twila; it-talb hu n-nifs tal-ħajja. Nissuġġerixxi li nirreċitaw il-ħmistax il-posta tar-Rużarju kuljum, kemm hu possibbli quddiem is-Sagrament Imqaddes.**

**Aħna qatt ma nonqsu li nirreċitaw ir-Rużarju kollu kemm hu kuljum.**
**(15-il posta).**

**F'ħafna okkażjonijiet ħeġġiġna lill-kleru u lil-lajċi għat-talb pubbliku u privat. Jekk tirreċitaw ir-Rużarju fil-familja, kollha flimkien, idduqu l-paċi.**

# POTENTIA CORONA

**josephfenech409@gmail.com**
**Ħarġa Nru 39**



**Mons. Loris Capovilla, kien is-Segretarju Privat tal-Papa Ġwanni XXIII. Aktar tard kien sar l-Arċisqof ta' Loreto fil-Marche, l-Italja.**

**Igħid li darba meta kien mal-Papa fl-uffiċju qed jiftaħ il-korrispondenza li jirċievi l-Papa, sab talba minn għadd ta' saċerdoti żgħażagħ. Dawn kienu qed jitolbu lill-Papa jeżentahom mill-Uffiċċju Divin (il-Brevjar) minħabba l-attività kbira li kellhom fl-appostolat.**
**San Ġwanni XXIII dar fuq Capovilla u qallu jirrispondihom li l-Papa jitlob il-Brevjar kollu u ta' kuljum jirreċita l-ħmistax-il-posta tar-Rużarju.**

**San Alwiġi Montfort:**

**Jum wieħed il-Mulej qal lill-Beatu Alan: 'Jekk dawk l-imsejkna midinbin jgħidu r-Rużarju tiegħi spiss, ikollhom sehem fil-merti tal-Passjoni tiegħi, u lili jsibuni l-Avukat tagħhom ħalli nipplaka (inberred) il-Ġustizzja ta' Alla.**

**"O Ġesù fis-Sagrament Imqaddes, nixtieq li nimtela bl-imħabba lejk; żommni magħqud miegħek, biex qalbi tkun qrib dik tiegħek. Irrid li nkun għalik bħall-Appostlu Ġwanni.**
**O Marija tar-Rużarju, żommni miġbur meta nirreċita dawn it-talbiet tiegħek; orbotni għal dejjem mar-Rużarju tieghek, ma' Ġesù fis-Sagrament Imqaddes. Ikun imbierek Ġesù, imħabbti, tkun imbierka l-Verġni Immakulata Marija."**
San Ġwanni XXIII
mill-'Il-Ġurnal ta' Ruħ'